V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9308 — Ansaldo/REPH/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 117/04)

1. Fit-22 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Ansaldo Energia S.p.A. ("Ansaldo", l-Italja) u kumpaniji tal-grupp, ikkontrollati minn Shanghai Electric ("SEC", iċ-Ċina) u Cassa Depositi e Prestiti ("CDP", l-Italja),

— JSC REP Holding ("REPH", ir-Russja) u grupp ta' kumpaniji, li jappartjenu għall-grupp Gazprombank ("REPH Group", il-Federazzjoni Russa),

— REPH Ansaldo Gas Turbine LLC ("REPH Ansaldo Gas Turbine JV", il-Federazzjoni Russa).

Ansaldo u REPH jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' REPH Ansaldo Gas Turbine JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża konġunta (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Ansaldo hija attiva internazzjonalment fis-settur tas-sistemi tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u l-komponenti u li tissupplixxi turbini, ġeneraturi, impjanti tal-enerġija lesti biex jintużaw kif ukoll servizzi tal-inġinerija għal impjanti tal-enerġija nukleari,

— REPH tiddisinja, timmanifattura u tissupplixxi provvisti kombinati ta' tagħmir tal-enerġija u tal-elettriku għall-industriji taż-żejt u l-gass, dawk metallurġiċi u dawk kimiċi, faċilitajiet tal-ġenerazzjoni u tad-distribuzzjoni tal-enerġija,

— Ir-REPH Ansaldo Gas Turbine JV se tkun attiva fost attivitajiet oħra, fil-manifattura, il-lokalizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' turbini tal-gass u l-fwar u d-disinn, il-kummerċjalizzazzjoni u t-tħaddim ta' impjanti tal-enerġija lesti għall-użu; Hija se tkun primarjament attiva fil-Federazzjoni Russa u fil-Komunità tal-Istati Indipendenti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9308 — Ansaldo/REPH/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË